**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 3 ta' Jannar, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Joanna Borg detentriċi tal-Karta tal-Identita` 372188M**

*Kumpilazzjoni Nru.01/2022*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Joanna Borg** u cioe` talli:

1. Nhar l-14 ta' Diċembru 2021 u/jew fil-ġranet u xhur ta' qabel, ġewwa l-Banka tal-Lottu POS 516 sitwata ġewwa Triq Manwel Dimech kantuniera ma' Sant'Elena ġewwa tas-Sliema, b'mezzi kontra il-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħat fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor għas-somma ta' €6820 (Sitt Elef, tmiem mija u għoxrin Euro) għad-dannu ta' Antoinette Zammit u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi, approprjat ruħha, billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata lilha bħala impjegata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd

tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju għad-dannu ta` Antoinette Zammit u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

**3.** Talli fl-14 ta' Diċembru 2021 fl-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema sitwata fi Triq Manwel Dimech ġewwa Sliema u/jew f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer iddenunzjat lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqot it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar**.**

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' hija tikkundanna lill-akkużata ghall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja ghall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li qed issib ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li l-imputazzjonijiet huma alternattivi ghall xulxin. Il-fatti tal-każ odjern jinkwadraw wriehom fir-reat ta' approprjazzjoni indebita, it-tieni imputazzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni.

Ittieħdet konsiderazzjoni wkoll tal-ammissjoni ferm bikrija tagħha, tal-fatt li ġa għamlet restituzzjoni ta' dak approprjat minnha indebitament, tal-fedina penali tagħha li hi kważi netta għajr għal reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku li jirrisali ghall 2011, tan-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija w taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ. Ma setgħax ma jingħatax piż ghall-fatt li Borg hi afflitta serjament mill-problema tal-logħob u li taħdem f'banka tal-lottu ċertament ma għenx fir-riabilitazzjoni mixtieqa tagħha anzi dan il-fatt fih innifsu kompla kisser kull nitfa ta' volontà li setgħet tinbet biex tegħleb dan il-vizzju misħut.

Ghall dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 110(2), 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, issibha ħatja tal-kumplament u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoġġiha taħt **ordni ta' probation ghal tlett (3) snin millum**.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja tħallas l-ammont (€6,820) li ghadu pendenti lil Antoinette Zammit u/jew persuni oħra fi żmien sentejn millum, b'rati mensili.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament ghal żmien tlett (3) snin sabiex tingħata l-għajnuna kollha neċessarja biex tegħleb il-vizzju tal-logħob kif ukoll kwalunkwe għajnuna psikoloġika li tista' tinħtieġ.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputata favur ta' Antoinette Zammit u/jew persuni oħra vittmi ta' dan ir-reat ghal żmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem ta' xogħol.

Kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**